MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Appell Kriminali Numru. 12/2010

**Il-Pulizija**
**(Supt. Norbert Ciappara)**
**Vs**
**Rosario Brincat**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer u f'din l-ahhar sena qabel din id-data
a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-

Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja biex jipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta-regolament 4 tar-regoli tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi periolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta);

b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza
dwar il-Mediċini Periolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tla-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tl-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (Gn 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali ċirksotanzi li juru li ma kenitx għall-użu personali tiegħu;

ċ) U aktar talli f'dawn l-aħħar snin b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kiser jew naqas li jħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Att XXII tal-1994 Dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi minghajr liċenzja mogħtija taħt dan l-att mill-Awtorita' kompetenti għamel kummerċ ta' Istituzzjoni Finanzjarja f'Malta,

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 17(b) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) tal-Kap 101 kif ukoll l-artikoli 3(1)(2)(3)

u r-regolament 3(1) tal-Avviż Legali 357 tas-sena 2002 kif emendat sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u lliberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni w ikkundannatu ghal 12-il xahar prigunerija w ghal hlas ta' multa ta' €1300. Il-multa tista' titħallas b'rati ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat. Jekk xi pagament ma jitħallasx il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti ikkundannat lill-appellant iħallas l-ispejjeż tal-espert li jammontaw għal €70.48 (Lm30.25) fi żmien xahar.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata kif gej :-

1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni (c) u

2) thassaraha w tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel (a) u tat-tieni (b) imputazzjoni billi tiddikjarah mhux hati u minnhom tilliberah skond il-ligi, u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija;

3) alternattivament u minghajr pregudizzju, thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

1. illi s-sejbien tal-htija tieghu mill-Ewwel Qorti hija wahda "unsafe and unsatisfactory".

Illi minn qari akkurat tas-sentenza appellata jidher illi l-Ewwel Qorti dahlet fil-fond fir-rizultanzi processwali. Dan

huwa naturalment apprezzat izda l- appellant huwa tal-unli fehma illi in linea generali r-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal-grad tac-certezza morali, li l-appellant ittraffika l-eroina jew li kien fi hsiebu li jipprokura l-istess sustanzi llegali. Jinghad li m'hijiex serena l-konkluzjoni li lahqet l-Ewwel Qorti dwar ir-reita'.

Illi huwa veru li xhud wiehed, jekk emnut, jista' jaghmel prova ta' fatt, u li, fil-kaz bhal dan odjern, ma huwiex mehtieg li jkun korroborat. In vista tan-natura tal-kaz in kwistjoni, bhal kazijiet simili, wiehed irid juza kawtela kbira meta jigi biex janalizza x-xhieda partikolari u x'affidament jaghti ghall-verzjoni taghhom. Dan kollu jrid jigi ezaminat fil-qafas tal-provi u r-rizultanzi kollha u mhux b'mod izolat. U huwa appuntu meta wiehed jara l-korp kollu tal-kaz odjern, li wiehed jirrealizza ghaliex l-appellant jilmenta li s-sejbien tal-htija fil-konfront tieghu hija wahda mhux legittima.

Illi l-Ewwel Qorti warrbet ix-xhieda ta' Frances Grixti u ta' Gaetano Azzopardi u dana peress illi hija xhieda li ma tistax toqghod fuqha. Minn naha tieghu l-appellant jirrileva illi x-xhud Charmaine Vella (li fuqha l-Ewwel Qorti strahet mhux ftit) hija wkoll xhud li ma taghtix affidabilita' w ma hiex xhud attendibbli. Ma tistax toqghod fuq xhud li tallega affarijiet serji dwar l-appellant, izda tippretendi li hija xhud li tista' toqghod fuqha ghaliex kienet kapaci taghti dettaliji dwar l-appellant, il-vettura tieghu u x'laqam ghandu. Dawn huma cirkostanzi u fatturi li ma jikkonvincux ghaliex huwa facli li tkun taf dawn id-dettalji dwar persuna – din hija r-realita' ta' socjeta zghira bhal taghna. U allura, rinfaccjati b'dan kollu, kemm jista' wiehed joqghod serenament fuq din ix-xhud?

Pero' l-appellant ma jhossx li ghandu joqghod jidhol fid-dettal dwar x'qalu l- appellant u x-xhieda l-ohra (tal-prosekuzzjoni u tad-difiza) fil-kaz odjern. Dan ghaliex, peress illi l-appell tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, m'hemmx dubju li ser tkun din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali li ser tifli sew il-korp tal-provi u tara jekk effettivament l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment issib il-htija fl-appellant. B'dan pero'

li l-appellant qed jirrizerva li jelabora aktar dwar il-fatti waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.

Illi minn naha tieghu l-appellant, kemm bil-verzjoni tieghu (li hija konsistenti – ara stqarrijiet u d-depozizzjoni tieghu) kif ukoll kif din tinsab imsahha mill-prova maghmula permezz ta' xhieda mressqa minnu, ixxaqqaq, sal-grad tal-probabbli, l-allegazzjoni tal-prosekuzjoni li huwa kien jipprokura d-droga jew li kien ser jipprokuraha.

Illi fl-analizi tal-provi wiehed ma jistax ma jsemmix illi l-kwistjoni tat-terza persuna li kienet tinsab fil-van tieghu fl-episodju ta' hdejn il-"car park" tal-Isptar San Luqa hija wahda neboluza. Hija neboluza wkoll is-sitwazzjoni tat-tieni episodju, dak ta' hdejn ir-razzett tal-appellant gewwa Hal-Qormi, fejn kien hemm dlam u cirkostanzi mhux facilment rikonoxxibbli.

Minn naha tieghu l-appellant jinsab ikkorroborat minn Anthony Camilleri (il-parker a folio 72) u minn PC 1348 (ara folio 68) meta jghid illi kien l-istess parker li ghamillu sinjal biex jibqa sejjer (presumibbilment ghax ma kellux flus x'jghaddilu dak inhar).

Mhux ta' ftit importanza hija l-konkluzzjoni tal-ispizjar Mario Mifsud fir-relazzjoni tieghu meta effettivament jghid b'mod kategoriku illi ma kienx hemm mechanical fit bejn l-erba' boroz allegatament mormija mill-appellant kif qed tipprospetta l-prosekuzzjoni.

Naqset ukoll il-prosekuzzjoni meta ma talbitx li ssir komparazzjoni bejn is-sustanza illegali misjuba fiz-zewg okkazzjonijiet differenti ta' dan il-kaz. Ezami bhal dan kien jitfa dawl fuq kemm huwa verosimili li l-appellant kien involut fil-pussess tal-qratas kontenenti l-eroina u fit-traffikar tal-istess.

Jigi sottomess li l-appellant a bazi tar-rizultanzi processwali, m'ghandux jinstab hati tal-imputazzjonijiet ta' traffikar ta' eroina u tal-pussess aggravat ta' tali sustanza, w minnhom ghandu jigi lliberat skond il-ligi.

2) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-appellant jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li

jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat :

L-appellant qieghed jilmenta illi l-ewwel sentenza hija “unsafe and unsatisfactory” il-ghaliex il-prosekuzzjoni ma lahqitx dik il-grad ta’ prova rikjesta mill-ligi u cioe` minghajr dubju dettat mir-raguni.

Argumentat illi wara li l-Ewwel Qorti warbet ix-xiehda ta’ Frances Grixti u ta’ Gaetano Azzopardi peress illi ma setghetx toqghod fuqha, ma kellhix ukoll allura toqghod fuq ix-xiehda ta’ Charmaine Vella, li ukoll ma kienitx attendibbli. Minflok kellha toqghod fuq il-verzjoni tal-appellant li baqghet dejjem kostanti kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fil-verzjoni illi ta quddiem l-Ewwel Qorti. Barra minn hekk, l-appellant hu llum ta’ certa eta` w ghadda perjodu ta’ arrest preventiv.

Fi kwalunkwe kaz, anki jekk kellha tinstab htija ghandu jkun hemm riduzzjoni tal-piena.

Ikkunsidrat :

Inghad fil-bidu nett illi huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Fi kliem iehor, l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazax id-deskrizzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha (Il-Pulizija vs Carmelo Schembri 28-04-1995).

L-appellant fl-ewwel aggravju tieghu jirrikonoxxi illi l-Ewwel Qorti dahlet fil-fond fir-rizultanzi processwali, izda

fil-fehma tieghu dawn il-provi huma nieqsa mill-piz rikjest mill-ligi fil-kamp penali li jwassal ghall-htija tal-appellant.

Din il-Qorti ma taqbilx ma` dan l-argument.

L-Ewwel Qorti mhux biss dahlet fil-fond fil-konsiderazzjonijiet taghha tal-atti processwali izda wkoll ikkunsidrat l-eta` tal-appellant meta kienet qed taghti d-decizzjoni taghha.

Minn barra x-xhieda indikati mill-appellant fir-rikors tieghu hemm ix-xiehda tal-Pulizija li l-Ewwel Qorti kkunsidrat bir-reqqa kif dawn raw lill-appellant jarmi boroz minn idejh li sussegwentement irrizulta illi fihom l-erojina.

Meta l-appellant induna illi l-Pulizija qeghdin fuqu, pprova jahrab u anki jirrezisti lill-istess Pulizija.

Dawn il-fatti wasslu lill-Ewwel Qorti biex tiddikjara illi kienet "konvinta li kien l-imputat li rema` zewg pakketti li l-provi forensici urew illi kienu tal-istess piz u li kienu erojina."

Galadarba l-imputat stqarr li m'ghandux problema tad-droga w qatt ma ha erojina, l-Qorti legittimament staqsiet x'kienu qed jaghmlu dawn iz-zewg pakketti erojina f'idejn l-appellant.

F'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti, bhal l-Ewwel Qorti, legittimament tikkonkludi illi l-imputat kellu l-erojina bil-hsieb illi jispaccaha w jaghmel profitt minnha.

Din il-Qorti m'ghandhix ghalfejn terga` tidhol fl-apprezzament tal-provi. Dan ghamlitu ben tajjeb l-Ewwel Qorti illi kellha x-xhieda quddiemha w setghet tara l-mod kif xehdu u l-imgieba taghhom biex waslet ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.

Bhal ma nghad aktar il-fuq, huwa kompitu ta' din il-Qorti biex wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi migjuba fl-ewwel stadju tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Din il-Qorti ghamlet dan l-apprezzament u ssib illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------